PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2011/0023(COD)**

20.4.2015

# EMENDI
# 48 - 329

**Abbozz ta' rapport**
**Timothy Kirkhope**
(PE549.223v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

Proposta għal direttiva
(COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))



*Magħquda fid-diversità*

AM_Com_LegReport

**Emenda 48**
**Jan Philipp Albrecht**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1**

| | *Proposta għal ċaħda* |
|---|---|
| 1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***; | 1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għadha ma tatx evidenza għall-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' skema PNR tal-UE. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali lanqas m'huma konvinti u ma jaqblux ma din il-miżura. Ara wkoll il-Premessa 4a(ġdida) dwar is-sentenza dwar iż-żamma ta' dejta tal-QtĠ-UE.*

**Emenda 49**
**Cornelia Ernst, Marie-Christine Vergiat, Barbara Spinelli**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***; | 1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;*** | 1. ***Jiċħad il-proposta għal direttiva;*** |

Or. fr

**Emenda 51**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michał Boni, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Rachida Dati, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2015 dwar il-miżuri kontra t-terroriżmu (2015/2530(RSP)),*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;*** | 2. ***Huwa favur approċċ iktar immirat u effettiv, kapaċi li jaffronta gruppi b'riskju għoli, minflok approċċ li jqis lill-passiġġieri kollha bħala terroristi jew kriminali potenzjali;*** |

Or. fr

**Emenda 53**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata qed tiġi ostakolata mill-Konvenzjoni ta' Schengen, li ma tippermettix it-twettiq ta' kontrolli fi fruntieri interni, u mill-inadegwatezza tal-kontrolli mwettqa fil-fruntieri esterni;*** |

Or. fr

**Emenda 54**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Hu tal-fehma li l-applikazzjoni ġenerali tal-ġbir tad-dejta tal-PNR mhijiex konsistenti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza tal-passiġġieri;*** |

Or. fr

**Emenda 55**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 2c (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. Ma jaqbilx mat-trasferiment tad-dejta tal-PNR lil pajjiżi terzi, u jesprimi tħassib dwar l-użu li jistgħu jagħmlu minn tali dejta pajjiżi terzi;*** |

Or. fr

**Emenda 56**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji | dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji |

Or. en

**Emenda 57**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l- | dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji | prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji |

Or. en

**Emenda 58**
**Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Nathalie Griesbeck, Filiz Hyusmenova, Gérard Deprez, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji | dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji |
| | *(Jekk tiġi adottata, il-bidliet japplikaw fit-test kollu.)* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tibdil tal-istrument legali minn direttiva għal regolament.*

**Emenda 59**
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT |

| | |
|---|---|
| EWROPEW U TAL-KUNSILL | EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji | dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji |

Or. en

**Emenda 60**
**Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1)(d) u 87(2)(a) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ***16,*** 82(1)(d) u 87(2)(a) tiegħu, |

Or. en

**Emenda 61**
**Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra l-Artikoli 7, 8, 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa -1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tarmonizza l-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit qafas leġiżlattiv uniku għall-protezzjoni u l-iskambju tad-data tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.*** |

Or. it

**Emenda 63**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(1) Fis-6 ta' Novembru 2007 il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi[33]. Madankollu, mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta tal-Kummissjoni, li kienet għadha mhux adottata mill-Kunsill sa dik id-data, saret skaduta.*** | ***imħassar*** |

***[33] COM(2007) 654.***

Or. en

**Emenda 64**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(2) Il-'Programm ta' Stokkolma — Ewropa libera u żgura li taqdi u tipproteġi ċ-ċittadini'[34] jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-użu tad-dejta tal-PNR għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-terroriżmu u delitti serji.*** | ***imħassar*** |

***[34] Dokument tal-Kunsill 17024/09, tat-2.12.2009.***

Or. en

**Emenda 65**
**Hugues Bayet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) L-avvenimenti reċenti enfasizzaw il-ħtieġa għal rispons iktar effettiv għat-theddid għas-sigurtà li qed tħabbat wiċċha miegħu l-Unjoni. Kwalunkwe proċedura addizzjonali f'dan il-qasam għandha ovvjament tkun konsistenti mad-drittijiet fundamentali, tagħti prova tal-effettività tagħha u tkun proporzjonata mal-għanijiet li jridu jinkisbu.*** |

Or. fr

**Emenda 66**
**Hugues Bayet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2b) Jekk il-ġlieda kontra t-terroriżmu se tiġi intensifikata, huwa essenzjali li, fuq kollox, isir l-iktar l-użu effettiv possibbli minn għodod eżistenti (eż. SIS II) fil-kuntest ta' kontrolli fuq il-fruntieri esterni u skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Huwa essenzjali, għalhekk, li s-servizzi rilevanti tal-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-disponibbiltà l-informazzjoni kollha f'kull ħin u li s-servizzi tal-pulizija u l-intelligence tal-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib.*** |

Or. fr

**Emenda 67**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(4a) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddeċidiet fit-8 ta' April 2014 li ż-żamma kollettiva ta' dejta personali ġġenerata kummerċjalment għal finijiet ta' infurzar tal-liġi mingħajr suspett konkret jew mill-inqas konnessjoni indiretta ma' theddida jew riskju tikser il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjoni u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE ġiet iddikjarata bħala invalida minn dik is-sentenza.[1 a]*** |

| | |
|---|---|
| | ***[1 a] Sentenza fil-Kawżi Konġunti C-293/12 u C-594/12, Digital Rights Ireland u Seitlinger et, 8 ta' April 2014.*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Vicky Maeijer**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni u esterni tal-Unjoni Ewropea hija l-uniku mod ġenwinament effettiv biex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.*** |

Or. nl

**Emenda 69**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(5) Id-dejta tal-PNR hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemmx evidenza għal din id-dikjarazzjoni, u għalhekk għandha titħassar.*

**Emenda 70**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa għall-prevenzjoni***, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tgħin fil-prevenzjoni***, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 71**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ***b'mod effettiv*** ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tkun mezz utli*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għadha ma pprovdiet l-ebda evidenza għall-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR kollha.*

**Emenda 72**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tikkontribwixxi*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 73**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji ***u għalhekk*** tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tikkontribwixxi*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji***; huma wieħed mill-istrumenti li jistgħu jintużaw biex*** tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. fr

**Emenda 74**
**Lorenzo Fontana**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR hija ***meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji ***u għalhekk tissaħħaħ*** is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR hija ***miġbura*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji***, bl-għan ġenerali li tittejjeb*** is-sigurtà interna. |

Or. it

**Emenda 75**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji ***u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna***. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tkun mezz utli*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. |

Or. it

**Emenda 76**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 77**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 78**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet | (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu***, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali***. | tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti ***transnazzjonali*** serji, inklużi atti ta' terroriżmu. |

Or. en

**Emenda 80**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, ***titwaqqaf evidenza*** u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. | (6) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, ***tinsab l-evidenza meħtieġa*** u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. |

Or. en

**Emenda 81**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' | (6) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ***ċerti tipi ta'*** delitti |

terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

***transnazzjonali*** serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

Or. en

**Emenda 82**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. | (6) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. |

Or. fr

**Emenda 83**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex | (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti ***transnazzjonali*** serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn |

jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

Or. en

**Emenda 84**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet ***tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni***, l-iskoperta, ***l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni*** ta' delitti serji***, inklużi*** atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. | (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet ***responsabbli mill-prevenzjoni***, l-iskoperta ***u l-infurzar tal-liġi jipprevjenu***, ***jiskopru, jinvestigaw u jwettqu prosekuzzjoni*** ta' delitti serji ***u*** atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. |

Or. fr

**Emenda 85**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi*** sabiex ***jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet*** | (7) Sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, ***l-użu*** tad-dejta tal-PNR ***għandu jiġi limitat*** għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

***kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex*** jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, ***l-aspetti tal-użu*** tad-dejta tal-PNR ***fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment*** għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.

Or. en

**Emenda 86**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Bl-użu tad-dejta*** tal-PNR ***l-awtoritajiet*** tal-infurzar tal-liġi ***jistgħu*** jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. ***Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta*** | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt ***transnazzjonali*** serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Id-dejta*** tal-PNR ***tista' tgħin lill-awtoritajiet*** tal-infurzar tal-liġi jindirizzaw it-theddida ta' delitti ***transnazzjonali*** serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta |

***ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.***

personali.

Or. en

**Emenda 87**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, ***l-aspetti tal-użu*** tad-dejta tal-PNR ***fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment*** għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma | (7) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt ***transnazzjonali*** serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, ***l-ipproċessar*** tad-dejta tal-PNR ***għandu jiġi limitat*** għal ***ċerti*** delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li |

intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.

qiegħda tiġi pproċessata*, **u limit biss għal tali titjiriet fejn hemm riskju għoli ċar li fost il-assiġġieri jkun hemm persuni li aktarx ikunu involuti f'delitt transnazzjonali u terroriżmu, abbażi ta' inġunzjoni***.

Or. en

**Emenda 88**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.*** | (7) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f***'ċerti tipi ta'*** delitt ***transnazzjonali*** serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. |

Or. en

**Emenda 89**
**Lorenzo Fontana**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw***, b'mod partikolari,*** persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

Or. it

**Emenda 90**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Bl-użu*** tad-dejta tal-PNR ***l-awtoritajiet*** tal-infurzar tal-liġi ***jistgħu*** jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. | (7) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***L-użu*** tad-dejta tal-PNR ***jista' jgħin lill-awtoritajiet*** tal-infurzar tal-liġi jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

Or. fr

**Emenda 91**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex |

| | |
|---|---|
| jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Bl-użu tad-dejta*** tal-PNR ***l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida*** ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. | jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li ***fil-fatt*** setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Id-dejta*** tal-PNR ***tista' wkoll tipprovdi mezz utli biex tiġi indirizzata t-theddida*** ta' delitti ***transnazzjonali*** serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

Or. it

**Emenda 92**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***Id-dejta*** tal-PNR tippermetti ***lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw*** persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel ***kienu mhux*** suspettati ***u*** jistgħu jkunu involuti f'***delitt serju jew f'***terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li ***setgħu*** jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni | (7) ***Id-data*** tal-PNR tippermetti ***li jiġu identifikati*** persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel ***ma kienux*** suspettati ***li*** jistgħu jkunu involuti f'terroriżmu ***u delitti serji***, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li ***jistgħu*** jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar |

| | |
|---|---|
| għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji ***u terroriżmu*** minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment ***għal delitti*** serji ***li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata***. | eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' ***terroriżmu u*** delitti serji minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment ***għad-delitti terroristiċi u*** serji ***kkonċernati***. |

Or. en

**Emenda 93**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti ***transnazzjonali*** serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal- |

ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom ***wkoll*** natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.

ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti ***transnazzjonali*** serji li għandhom ***ukoll*** natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata***, li hija kundizzjoni indispensabbli biex l-użu ta' tali data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkun proporzjonali***.

Or. en

**Emenda 94**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti ***serji u terroriżmu*** minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ***u l-awtoritajiet responsabbli mill-prevenzjoni u l-iskoperta*** sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ***u l-awtoritajiet responsabbli mill-prevenzjoni u l-iskoperta*** jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' ***terroriżmu u forom serji ta'*** delitti minn perspettiva differenti u |

| | |
|---|---|
| persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji ***li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata***. | permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal ***reati terroristiċi u forom rilevanti ta'*** delitti serji. |

Or. fr

**Emenda 95**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun proporzjonali ***għall-għan*** speċifiku ***tas-sigurtà*** segwit minn din id-Direttiva. | (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun ***neċessarju u*** proporzjonali ***għall-iskop*** speċifiku segwit minn din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 96**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun proporzjonali għall-għan speċifiku ***tas-sigurtà*** segwit minn din id-Direttiva. | (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun ***neċessarju u*** proporzjonali għall-għan speċifiku segwit minn din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 97**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun proporzjonali għall-għan speċifiku ***tas-sigurtà*** segwit minn din id-Direttiva. | (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun ***neċessarju u*** proporzjonali għall-għan speċifiku segwit minn din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 98**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-ipproċessar awtomatizzat ta' settijiet tad-dejta tal-PNR huwa ħafna inqas intrużiv minn kontrolli fiżiċi fuq il-fruntieri jew mandati ta' perkwiżizzjoni maħruġa kontra linji tal-ajru u operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi; billi fi ħdan tali pproċessar, aktar minn 99 % tad-dejta, fil-fatt, qatt ma jitqiesu minn azzjoni umana, u l-investigazzjoni ta' delitti serji u t-terroriżmu tista' titwettaq filwaqt li jiġi żgurat ħin ta' stennija iqsar u movimenti tal-ivvjaġġar aktar effiċjenti fl-ajruporti.*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) L-ipproċessar awtomatizzat ta' dejta għandu jitwettaq fuq dejta kollettiva kontra regoli stabbiliti minn qabel mill-awtorità kompetenti jew l-Europol fuq rotot speċifiċi, l-identifikazzjoni ta' kriminalità speċifika u ma għandux jikkostitwixxi aċċess għal settijiet individwali ta' dejta; billi biex jissodisfa l-mira ta' din id-direttiva dan l-ipproċessar għandu jsir fuq l-ammont kollu ta' sett ta' dejta disponibbli u billi huma biss dawn is-settijiet ta' dejta jsiru viżibbli għall-bnedmin meta l-ipproċessar jiġġenera taqbila.*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-użu tad-dejta tal-PNR flimkien mad-dejta tal-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri f'ċerti każijiet żiedet il-valur fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-identità ta' individwu u għalhekk isaħħu l-valur tal-infurzar tal-liġi tagħhom.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-użu tad-dejta tal-PNR flimkien mad-dejta tal-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri f'ċerti każijiet żiedet il-valur fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-identità ta' individwu u għalhekk isaħħu l-valur tal-infurzar tal-liġi tagħhom.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 102**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-użu tad-dejta tal-PNR flimkien mad-dejta tal-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri f'ċerti każijiet żiedet il-valur fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-identità ta' individwu u għalhekk isaħħu l-valur tal-infurzar tal-liġi tagħhom.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għadha ma pprovdiet l-ebda evidenza għall-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR kollha.*

**Emenda 103**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) L-użu tad-dejta tal-PNR flimkien mad-dejta tal-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri f'ċerti każijiet ***żiedet*** il-valur fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-identità ta' individwu u għalhekk isaħħu l-valur tal-infurzar tal-liġi tagħhom. | (9) L-użu tad-dejta tal-PNR flimkien mad-dejta tal-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri f'ċerti każijiet ***seta' żied*** il-valur fl-assistenza lill-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-identità ta' individwu u għalhekk isaħħu l-valur tal-infurzar tal-liġi tagħhom. |

Or. en

**Emenda 104**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk*** | ***imħassar*** |

***essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

**Emenda 106**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Elissavet Vozemberg, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea***, titjiriet ġewwa l-UE minn Stat Membru wieħed għal ieħor u għal titjiriet interni b'destinazzjoni finali fl-istess Stat Membru u l-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi meta jkunu involuti fir-reservazzjoni ta' tali titjiriet***. |

Or. en

**Emenda 107**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. |

Or. it

**Emenda 108**
**Ana Gomes, Marju Lauristin, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea***, inklużi titjiriet charter, kif ukoll operaturi kummerċjali jew mhux kummerċjali oħrajn, l-operat ta' titjiriet privati, u t-titjiriet tal-merkanzija privata***. |

Or. en

**Emenda 109**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li ***jistabbilixxu*** obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li ***jarmonizzaw u jillimitaw b'mod strett*** obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. |

Or. en

**Emenda 110**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. |

Or. en

**Emenda 111**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura s-sigurtà u tipproteġi l-ħajja u s-sikurezza tal-pubbliku, b'rispett sħiħ tal-libertajiet fundamentali, u biex jinħoloq qafas legali għall-protezzjoni u l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi inkarigati mill-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu u delitti serji.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m’għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru***, l-aġenti tal-ivvjaġġar, u entitajiet oħra li jiġbru dejta tal-PNR*** diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m’għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru***, aġenti tal-ivvjaġġar, u entitajiet oħra li jiġbru dejta tal-PNR,*** biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. |

Or. en

**Emenda 113**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano, Elissavet Vozemberg, Arnaud Danjean,**

**Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew ***jiponu*** xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru ***u l-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi*** biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew ***jimponu*** xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru ***u lill-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi***. |

Or. en

**Emenda 114**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. ***Għal titjiriet charter, privati u ta' merkanzija, id-dejta tal-PNR għandha*** |

| | |
|---|---|
| | ***wkoll tinġabar u tiġi trasferita lill-Unità ta' informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti.*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Monika Hohlmeier, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Elissavet Vozemberg, Nadine Morano, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi, bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar u bħall-operaturi turistiċi, ibigħu vjaġġi "kollox inkluż" li jużaw titjiriet charter li għalihom jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR tal-klijenti tagħhom però mingħajr ma neċessarjament jittrasferixxu d-dejta lil-linja tal-ajru li topera t-titjira tal-passiġġieri.*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) It-trasportaturi bl-ajru, l-aġenti tal-ivvjaġġar, u entitajiet oħra li jiġbru dejta tal-PNR diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-finijiet kummerċjali tagħhom. Dan ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament m'għandu jimponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru, l-aġenti tal-ivvjaġġar, u entitajiet oħra li jiġbru dejta tal-PNR, biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 117**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-ispejjeż tal-użu, iż-żamma u l-iskambju tad-dejta tal-PNR għandhom jitħallsu mill-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. ***Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. |

***tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38]***. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

| | |
|---|---|
| [37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21). | [37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21). |
| [38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1. | [38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1. |

Or. en

**Emenda 119**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. ***Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38]***.*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. |

***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

Or. en

**Emenda 120**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano, Elissavet Vozemberg, Kinga Gál, Barbara Matera, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha ***tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni*** Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ***t-terroriżmu***[37]***. Id-definizzjoni tad-delitti*** serji ***għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38] ***.*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi ***applikata f'din id-Direttiva*** għandha ***tkun l-istess bħal fid-Deċiżjoni*** Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ***t-terroriżmu kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/919/ĠAI. It-terminu delitti*** serji ***applikat f'***din id-Direttiva ***jinkludi d-delitti elenkati fl-Artikolu 2.1.*** |

***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont*** din id-direttiva ***ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

Or. en

**Emenda 121**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. ***Id-definizzjoni tad-delitti*** serji għandha ***tittieħed mill-Artikolu 2*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[38]. ***Madankollu,*** l-Istati Membri ***jistgħu*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom***, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom,*** l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. ***Il-lista ta' delitti transnazzjonali*** serji ***inkluża f'din id-Direttiva*** għandha ***titfassal minn għażla ta' għadd ta' delitti msemmija fl-Artikolu 2(2)*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[38] ***u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali***. L-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu ***delitti serji kif definiti fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI li mhumiex ta' natura transnazzjonali u*** dawk id-delitti minuri li għalihom l- |

***Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

---

[37] ĠU L 164, ***22.6.2002***, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

---

[37] ĠU L 164, ***22.06.02***, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

Or. it

**Emenda 122**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI*** dwar ***il-ġlieda kontra t-terroriżmu***[37]. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati ***Membri***[38]***. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mir-reati definiti skont il-liġi nazzjonali u għandhom jinkludu l-ivvjaġġar għall-iskop ta' twettiq ta', ippjanar ta', tħejjija għal, għoti jew riċeviment ta' taħriġ tat-terroriżmu, skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2178 u l-Protokoll Addizzjonali*** dwar ***il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu***. Id-definizzjoni tad-delitti serji ***applikata f'din id-Direttiva*** għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati ***Membri.*** |

---

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

Or. en

**Emenda 123**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. Id-definizzjoni ***tad-delitti*** serji għandha ***tittieħed mill-Artikolu 2*** tad-Deċiżjoni Qafas ***tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38]. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. Id-definizzjoni ***ta' delitti transnazzjonali*** serji għandha ***tkun limitata għal traffikar tal-bnedmin kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[1a], u għat-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi kif definit fl-Artikolu 2*** tad-Deċiżjoni Qafas ***tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi[38], u t-traffikar illeċitu tal-armi, munizzjon u splussivi kif definit fl-Artikolu 2b tad- Direttiva tal-Kunsill 2008/51/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi[1b]***. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. |

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru

| | |
|---|---|
| 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21). | 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21). |
| | [1 a] ***ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1*** |
| [38] ĠU L ***190***, ***18.7.2002,*** p. ***1.*** | [38] ĠU L ***335***, ***11.11.2004,*** p. ***8*** |
| | [1 b] ***ĠU L 179, 8.7.2008, p. 5*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu***[37]***. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat*** ta' ***Arrest Ewropew u l-proċeduri*** ta' ***ċediment bejn l-Istati Membri***[38] ***. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema*** ta***' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni*** tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ***il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali***. | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mir-reati definiti skont il-liġi nazzjonali u għandhom jinkludu l-ivvjaġġar għall-iskop*** ta***' twettiq ta', ippjanar*** ta'***, tħejjija għal, għoti jew riċeviment*** ta' ***taħriġ tat-terroriżmu, skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà*** tan-Nazzjonijiet Uniti ***2178 u l-Protokoll Addizzjonali*** dwar ***il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu***. |
| [38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1. | [38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1. |

Or. en

**Emenda 125**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37] . Id-definizzjoni ***tad-delitti*** serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38]. Madankollu, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

---

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

*Emenda*

(12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37] . Id-definizzjoni ***ta' delitti transnazzjonali*** serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali***. Madankollu, l-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

---

[38] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

Or. en

**Emenda 126**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet għat-trasportaturi bl-ajru. | (13) Id-data tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-ispejjeż għat-trasportaturi bl-ajru ***u operaturi kummerċjali oħrajn jew operaturi mhux trasportaturi ta' titjiriet.*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet għat-trasportaturi bl-ajru. | (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet għat-trasportaturi bl-ajru ***u operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi***. |

Or. xm

**Emenda 128**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-istituzzjonijiet u l-aġenziji*** |

| | |
|---|---|
| | ***kollha tal-Unjoni, bħall-aġenziji li l-ammont ta' xogħol tagħhom jikber minħabba d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnha fl-Istati Membri, huma pprovduti b'biżżejjed riżorsi addizzjonali finanzjarji u tal-persunal.*** |

Or. de

**Emenda 129**
**Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Nathalie Griesbeck, Gérard Deprez**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità maħtura waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fil-livell tal-UE, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-ispejjeż għat-trasportaturi bl-ajru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 130**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR ***meħtieġa*** li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il- | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri |

Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li ***tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet*** fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR ***għandha*** tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u ***l-itinerajru*** tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru ***li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna***.

għandha titħejja bl-iskop li ***jiġu protetti d-drittijiet*** fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali***, soċjali*** jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u ***l-itinerarju*** tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru.

Or. en

**Emenda 131**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' ***kwalunkwe lista ta'*** dejta tal-PNR ***meħtieġa*** li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il- | (14) Il-kontenut ta' dejta tal-PNR li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***mniżżla fl-Anness għal din id-Direttiva*** għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***tal-persuni***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il- |

| | |
|---|---|
| listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. fr

**Emenda 132**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, ***b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni*** kif ukoll ***il-protezzjoni*** tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew ***etniċi***, l-opinjonijiet politiċi, ***it-twemmin reliġjuż jew filosofiku,*** is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi ***dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw*** | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji, kif ukoll ***tiġi garantita l-protezzjoni*** tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. ***B'mod partikolari,*** dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali***, etnika*** jew ***soċjali***, ***il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin personali,*** l-opinjonijiet politiċi ***jew oħrajn***, is-sħubija ***f'minoranza nazzjonali, proprjetà, it-twelid, diżabilità, orjentazzjoni sesswali, sħubija*** fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. |

| | |
|---|---|
| ***il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna***. | Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi ***biss id-dettalji msemmija f'din id-Direttiva***. |

Or. it

**Emenda 133**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 134**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor,**

**Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano, Elissavet Vozemberg, Kinga Gál, Michał Boni, Frank Engel, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe ***lista ta'*** dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn ***il-listi*** m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew ***etniċi***, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn ***is-settijiet ta' dejta*** m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew ***etnika***, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 135**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' |

| | |
|---|---|
| (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. | (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji**.** Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. |
| [39] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>[40] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. | [39] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>[40] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. |

Or. en

**Emenda 165**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-Istati Membri għandhom | (20) L-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. | jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji**.** Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. |
| [39] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>[40] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. | [39] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>[40] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. |

Or. en

**Emenda 166**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Il-ġbir tad-dejta tal-PNR fil-livell Ewropew jista' jkun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti transnazzjonali serji. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju*** |

***għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) [1 a] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[1 b]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja.***

______________

***[1 a] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.***

***[1 b] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 167**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. ***Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-*** | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. |

***investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati.***

Or. en

**Emenda 168**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley, Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji. ***Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet***. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, ***wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata*** u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun ***meħtieġ u*** proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li ***d-dejta tiġi moħbija minnufih***, u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. |

Or. en

**Emenda 169**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, |

l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati.

l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata ***(moħbija)*** u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati***, taħt kontroll ġudizzjarju***.

Or. en

**Emenda 170**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. ***Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom,*** huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm ***għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet***. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm ***għall-perjodu strettament meħtieġ għall-użu tagħha f'investigazzjonijiet u titħassar b'mod permanenti fi tmiem il-perjodu ta' żamma stipulat f'din id-Direttiva***. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. |

Or. it

**Emenda 171**
**Michał Boni**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***anonimizzata*** u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***moħbija*** u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati. |

Or. en

**Emenda 172**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati***. | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***mħassra sakemm tkun meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi speċifiċi u delitti transnazzjonali serji***. |

Or. en

**Emenda 173**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Esteban González Pons, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Elissavet Vozemberg, Arnaud Danjean, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michał Boni, Frank Engel, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi pproċessata kemm jista' jkun bil-moħbi sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-dejta billi jkun impossibbli għal dawk li jkollhom aċċess għal data moħbija li jidentifikaw persuna u li jisiltu konklużjonijiet dwar liema persuni huma relatati għal dik id-dejta. L-identifikazzjoni mill-ġdid tad-dejta moħbija hija possibbli biss taħt kundizzjonijiet li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-identifikazzjoni mill-ġdid ta' data moħbija trid issegwi kundizzjonijiet stretti u tista' ssir biss wara awtorizzazzjoni ta' awtorità kompetenti.*

**Emenda 174**
**Sophia in 't Veld, Filiz Hyusmenova**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Id-dejta tal-PNR tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tal-persuni li tkun inżammet id-dejta tagħhom, bħad-drawwiet tal-ħajja ta' kuljum, il-postijiet ta' residenza permanenti jew temporanja, movimenti ta' kuljum jew oħrajn, l-attivitajiet imwettqa, ir-relazzjonijiet soċjali ta' dawk il-persuni u l-ambjenti soċjali frekwentati minnhom, u billi l-fatt li d-dejta tinżamm u sussegwentement tintuża mingħajr ma jiġi infurmat il-passiġġier x'aktarx joħloq f'moħħ il-persuni kkonċernati s-sensazzjoni li l-ħajja privata tagħhom hija soġġetta għal sorveljanza kontinwa.*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley, Filiz Hyusmenova**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22b) L-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprovdi li kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti mill-Karta għandha tkun prevista mil-liġi, tirrispetta l-essenza tagħhom u, tkun bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità; jistgħu jsiru limitazzjonijiet għal dawk id-drittijiet u l-libertajiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra.*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley, Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi ***mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008*** dwar il-protezzjoni ***tad-dejta*** personali ***pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali***[41] ***('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI')***. | (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi ***mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x*** dwar il-protezzjoni ***tal-individwi rigward l-ipproċessar ta' dejta*** personali ***mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment ħieles ta' din id-dejta, u b'livell għoli ta' protezzjoni offrut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni 108, u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem***. |
| [41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60. | [41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60. |

Or. en

**Emenda 177**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal- | (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal- |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi ***mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008*** dwar il-protezzjoni tad-dejta ***personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja*** f'***materji kriminali***[41] ***('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI')***. | Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi ***mal-acquis Ewropew għall-protezzjoni tad-dejta, inklużi rekwiżiti speċifiċi*** dwar il-protezzjoni tad-dejta ***stabbiliti*** f'***din id-Direttiva***. |
| [41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60. | [41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ma toffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta fil-kuntest tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR.*

**Emenda 178**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali[41] ('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI'). | (23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali[41] ('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI') ***u l-emendi sussegwenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħha tagħha**.* |

[41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

[41] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

Or. it

**Emenda 179**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(24) Waqt li jiġi kkunsidrat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tad-dejta soġġetta għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tagħhom, bħad-dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-drittijiet għall-kumpens u rimedji ġudizzjarji, għandhom ikunu konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ma toffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta fil-kuntest tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR.*

**Emenda 180**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Waqt li jiġi kkunsidrat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet | (24) Waqt li jiġi kkunsidrat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet |

| | |
|---|---|
| tad-dejta soġġetta għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tagħhom, bħad-dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-drittijiet għall-kumpens u rimedji ġudizzjarji, għandhom ikunu konformi ***mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***. | tad-dejta soġġetta għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tagħhom, bħad-dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-drittijiet għall-kumpens u rimedji ġudizzjarji, għandhom ikunu konformi ***mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment ħieles ta' din id-dejta, u bl-ogħla livell ta' protezzjoni offrut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni 108, u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem***. |

Or. en

**Emenda 181**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Waqt li jitqies id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, u r-rekwiżit ta' sorveljanza indipendenti, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta għandu jkollhom l-istess setgħat bħal taħt id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. | (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni ***ċara u*** preċiża ***bil-miktub*** dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. fr

**Emenda 183**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. | (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża ***u kompluta*** dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 184**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) ***Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-*** | (25) ***Il-passiġġieri għandhom dritt*** |

| | |
|---|---|
| ***passiġġieri*** jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b’informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta’ dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. | ***inaljenabbli li*** jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, ***u*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b’informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta’ dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***u dwar id-dritt tagħhom li jaċċessaw, jikkoreġu, iħassru jew jimblokkaw id-dejta personali tagħhom u li jfittxu rimedju legali***. |

Or. it

**Emenda 185**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b’informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta’ dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. | (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu infurmati bl-ipproċessar tad-data personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta' data tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, kif ukoll id-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-dejta***. |

Or. en

**Emenda 186**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar | (25) Waqt li jikkunsidraw id-dritt li l-passiġġieri jiġu informati bl-ipproċessar |

| | |
|---|---|
| tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. | tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża***, li hi aċċessibbli faċilment u faċli biex tinftiehem,*** dwar il-ġbir ta' dejta tal-PNR u t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 187**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz***, u soġġetti għal-livell għoli ta' protezzjoni offrut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni 108, u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem***. |

Or. en

**Emenda 188**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR ***minn Stati Membri*** lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u ***b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ***, abbażi ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni*** u ***l-pajjiż terz***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. ***Jekk awtorità superviżorja nazzjonali ssib li t-trasferiment lil pajjiż terz ikun bi ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji msemmija f'din id-Direttiva, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-fluss tad-dejta għal dak il-pajjiż terz.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ma toffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta fil-kuntest tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR lil pajjiżi terzi.*

**Emenda 189**
**Michał Boni**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun |

permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz.

permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. Biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz***, kif ukoll il-prinċipju tan-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali trasferiment***.

Or. en

**Emenda 190**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***mad-Deċiżjoni*** Qafas 2008/977/ĠAI. Biex ***jiġi żgurat il-protezzjoni*** tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***sħiħa biss mad-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni*** Qafas 2008/977/ĠAI. Biex ***tiġi żgurata l-protezzjoni*** tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz***, b'mod partikolari d-dritt li jaċċessaw, jikkoreġu, iħassru jew jimblokkaw id-dejta personali tagħhom u li jfittxu rimedju legali***. |

Or. it

**Emenda 191**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***, u abbażi biss ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. |

Or. en

**Emenda 192**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ ***u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. |

Or. en

**Emenda 193**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni li ***ġiet*** stabbilita bl-implimentazzjoni ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. | (27) L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni li ***se tiġi*** stabbilita bl-implimentazzjoni ***tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali mill-awtoritjajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment ħieles ta' dejta bħal din,*** għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 194**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni li ġiet stabbilita bl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. | L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni li ġiet stabbilita bl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ***tajba*** tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva |

Or. it

**Emenda 195**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni ***li ġiet stabbilita bl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. | (27) L-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 196**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u l-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni li se tiġi stabbilita bl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment ħieles ta' dejta bħal din, għandha tkun responsabbli wkoll biex tavża u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 197**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 198**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew*** | ***imħassar*** |

***mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.***

Or. en

**Emenda 199**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 200**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 201**
**Birgit Sippel, Tanja Fajon, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-*** | ***imħassar*** |

***ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dejta tal-PNR ma tistax tiġi pproċessata għal skopijiet barra mil-limitazzjoni tal-iskop.*

**Emenda 202**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) ***Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati*** Membri ***li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta'*** dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva***, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni***. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura. | (28) ***L-Istati*** Membri ***m'għandhomx ikunu jistgħu jużaw*** dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura. |

Or. it

**Emenda 203**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Michał Boni, Artis Pabriks, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Frank Engel, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. ***Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.*** | (28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 204**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Din id-Direttiva ***ma taffetwax il-possibbiltà*** għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni ***tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta'*** | (28) Din id-Direttiva ***telimina l-possibbiltà*** għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni ***tad-data.*** |

***riflessjoni speċifika f'data futura.***

Or. en

**Emenda 205**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Id-dejta tal-PNR ma tistax tiġi pproċessata għal skopijiet barra mil-limitazzjoni tal-iskop.*** |

Or. en

**Emenda 206**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl- huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti*** dwar ***it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid*** tiġi ***pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni*** effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru għandhom isegwu mudell uniku għall-ġbir tad-dejta tal-PNR li għandha tiġi trażmessa lill-Unità tal-Informazzjoni*** dwar ***il-Pasiġġieri, sabiex ma jkunx hemm ir-riskju li*** tiġi ***kompromessa l-kooperazzjoni*** effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. |

Or. it

**Emenda 207**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. |

Or. en

**Emenda 208**
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, |

| | |
|---|---|
| inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta’ informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta’ ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi jew delitti serji. | inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta’ informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta’ ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji. |

Or. en

**Emenda 209**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B’riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta’ informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta’ ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi jew delitti serji. | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru u operaturi kummerċjali oħra jew operaturi ta' titjiriet mhux kummerċjali*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta’ ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi jew delitti serji. |

Or. en

**Emenda 210**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu kif jixraq mill-Istati Membri, u jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 211**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għal nondiskriminazzjoni kif protetti mill-Artikoli 8, 7 u 21 tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal- | (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għal nondiskriminazzjoni kif protetti mill-Artikoli 8, 7 u 21 tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal- |

| | |
|---|---|
| protezzjoni tad-dejta u d-dispożizzjonijiet tagħha huma konformi ***mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI***. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti ***mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI***. | protezzjoni tad-dejta u d-dispożizzjonijiet tagħha huma konformi ***mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment ħieles ta' din id-dejta***. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti ***mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (xx/xx/20xx)***. |

Or. en

**Emenda 212**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza ***u d-dritt*** għal nondiskriminazzjoni kif protetti mill-Artikoli 8, 7 u ***21*** tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u d-dispożizzjonijiet tagħha huma konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. | (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza***, id-dritt*** għal nondiskriminazzjoni kif ***ukoll d-drittijiet għar-rimedju legali u proċess ġust, kif*** protetti mill-Artikoli 8, 7***, 21, 47*** u ***48*** tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u d-dispożizzjonijiet tagħha huma konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti |

mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

Or. en

**Emenda 213**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għal nondiskriminazzjoni kif protetti mill-Artikoli 8, 7 u 21 tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta ***u d-dispożizzjonijiet tagħha huma konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI***. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. | (31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għal nondiskriminazzjoni kif protetti mill-Artikoli 8, 7 u 21 tal-Karta u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. Id-Direttiva hija kompatibbli mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta. Barra minn hekk, u biex tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva, dwar kwistjonijiet speċifiċi, ser ikollha regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta aktar stretti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. |

Or. en

**Emenda 214**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) L-ipproċessar tad-dejta personali mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta jew l-*** |

***investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tagħhom li hija konformi mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' tali dejta.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 215**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(31b) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill xxxx/xxxx/20xx dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali) tapplika għall-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istati Membri mwettaq fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sakemm tali pproċessar ma jsirx mill-awtoritajiet maħtura jew ta' verifika tal-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra.*** |

Or. en

**Emenda 216**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31c) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, u b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 22 tiegħu li jirrigwardaw il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-ipproċessar, japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni mwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, ċerti punti għandhom jiġu kjarifikati fir-rigward ta' responsabbilità għall-ipproċessar ta' dejta u tas-superviżjoni ta' protezzjoni tad-dejta, billi nżommu f'moħħna li l-protezzjoni tad-dejta hija fattur ewlieni għas-suċċess fl-operat tas-sistema tal-PNR tal-UE u li s-sigurtà tad-dejta, il-kwalità teknika għolja u l-legalità tal-konsultazzjonijiet huma essenzjali biex jiġi żgurat funzjonament bla xkiel u adegwat tas-sistema ċentrali tal-PNR tal-UE.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 217**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***anonimizzata wara perjodu qasir ħafna***, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta ***speċifika*** tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***30 jum***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***moħbija minnufih***, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva*** huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 218**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, |

| | |
|---|---|
| hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***anonimizzata wara perjodu qasir ħafna***, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***30 jum***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***moħbija minnufih***, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva*** huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 219**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***anonimizzata*** wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sena (1)***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***moħbija*** wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva*** huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti |

responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

Or. en

**Emenda 220**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi anonimizzata wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***huwa pprojbit***. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li ***awtorità*** nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn (2)***, li warajhom din id-dejta trid titħassar ***b'mod permanenti***, id-dejta trid tiġi anonimizzata wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva u kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta abbażi tad-dejta miġbura huma pprojbiti***. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li ***l-awtorità*** nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti ***prevista fid-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta*** tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR ***u hija obbligata li tirrapporta lill-awtoritajiet*** |

informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

***kompetenti dwar kwalunkwe ksur tal-proċeduri għat-trasferiment u l-ipproċessar ta' tali dejta***. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

Or. it

**Emenda 221**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi anonimizzata wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn (2)***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi anonimizzata wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva*** huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom |

| | |
|---|---|
| informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 222**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Elissavet Vozemberg, Arnaud Danjean, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Artis Pabriks, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5)*** snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi ***anonimizzata*** wara ***perjodu qasir ħafna***, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, ***l-Istati Membri huma meħtieġa*** li ***jiżguraw li*** awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti ***tkun*** responsabbli biex ***tagħti*** konsulenza u ***tagħmel*** monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***7*** snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar ***b'mod permanenti***, id-dejta trid tiġi ***moħbija*** wara ***6 xhur***, il-ġbir u l-użu tad-dejta ***sensittiva*** huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, ***għandu jiġi żgurat*** li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti ***u b'mod partikolari l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta tagħha ikunu*** responsabbli biex ***jagħtu*** konsulenza u ***jagħmlu*** monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 223**
**Ana Gomes, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames (5) snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi anonimizzata wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames (5) snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi anonimizzata ***(moħbija)*** wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 224**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) B'mod partikolari, l-ambitu tar-Regolament huwa limitat kemm jista' jkun, huwa jippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn 30 jum, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid tiġi moħbija minnufih, il-ġbir u l-użu tad-dejta sensittiva huwa pprojbit. Sabiex jiġu żgurati effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta ikun responsabbli biex jagħti konsulenza u jagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta hux illegali, tal-awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. Il-Kummissjoni trid tiżgura wkoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 225**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) [Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit | (33) [Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit |

| | |
|---|---|
| u l-Irlanda dwar iż-Żona tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri avżaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] ***JEW [Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda dwar iż-Żona tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri mhux se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhux ser ikunu marbutin jew ikunu soġġetti għall-applikazzjoni tagħha]***. | u l-Irlanda dwar iż-Żona tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri avżaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva]. |

Or. en

**Emenda 226**
**Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld**
f'isem il-Grupp ALDE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) Ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR ma għandha fl-ebda ċirkostanza tintuża mill-Istati Membri bħala raġuni biex jevitaw l-obbligi internazzjonali tagħhom taħt il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tagħha tal-1967 u m'għandhiex tintuża biex il-persuni li jfittxu asil jiċċaħħdu milli jkollhom il-mezzi legali sikuri u effettivi fit-territorju tal-UE biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal protezzjoni internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 227**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Elissavet Vozemberg, Arnaud Danjean, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-ta'*** passiġġieri ***ta'*** titjiriet ***internazzjonali lejn u mill-Istati Membri***, kif ukoll l-ipproċessar ta' dik id-dejta, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha mill-Istati Membri u l-iskambju tagħha bejniethom. | 1. Din id-Direttiva tipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-ajru marbuta ma' titjiriet ta'*** passiġġieri ***bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi, għal*** titjiriet ***intra-UE u titjiriet domestiċi***, kif ukoll l-ipproċessar ta' dik id-dejta, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha mill-Istati Membri u l-iskambju tagħha bejniethom. |

Or. en

**Emenda 228**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-*** ta' passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali lejn u mill-Istati Membri, kif ukoll ***l-ipproċessar*** ta' dik id-dejta***, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha*** mill-Istati Membri ***u l-iskambju tagħha bejniethom***. | 1. Din id-Direttiva tipprovdi ***kundizzjonijiet*** għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-ajru*** ta' passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali lejn u mill-Istati Membri, kif ukoll ***l-użu, iż-żamma u l-iskambju*** ta' dik id-dejta mill-Istati Membri. |

Or. en

**Emenda 229**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-*** ta' passiġġieri ta' titjiriet ***internazzjonali lejn u mill-Istati Membri***, kif ukoll ***l-ipproċessar*** ta' dik id-dejta***, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha*** mill-Istati Membri ***u l-iskambju tagħha bejniethom***. | 1. Din id-Direttiva tipprovdi ***kundizzjonijiet*** għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-ajru*** ta' passiġġieri ta' titjiriet ***bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi***, kif ukoll ***l-użu, iż-żamma u l-iskambju*** ta' dik id-dejta mill-Istati Membri. |

Or. en

**Emenda 230**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-*** ta' passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali ***lejn u mill-Istati Membri***, kif ukoll ***l-ipproċessar*** ta' dik id-dejta***, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha*** mill-Istati Membri ***u l-iskambju tagħha bejniethom***. | 1. Din id-Direttiva tipprovdi ***kundizzjonijiet*** għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi ***bl-ajru*** ta' passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali ***magħżula minn qabel bejn Stati Membri u pajjiżi terzi***, kif ukoll ***l-użu, iż-żamma u l-iskambju*** ta' dik id-dejta mill-Istati Membri. |

Or. en

**Emenda 231**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor,**

**Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi li jiġbru jew jaħżnu d-dejta tal-PNR dwar titjiriet tal-passiġġieri ppjanati li jinżlu fit-territorju ta' Stat Membru li joriġinaw minn pajjiż terz jew li jitilqu mit-territorju ta' Stat Membru b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, għal titjiriet intra-UE u għal titjiriet domestiċi;*** |

Or. en

**Emenda 232**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Dan ir-Regolament jipprovdi għat-trasferiment tad-dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru ta' passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali lejn u mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-ipproċessar ta' dik id-dejta, inkluż il-ġbir, l-użu u ż-żamma tagħha mill-Istati Membri u l-iskambju tagħha bejniethom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 233**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Jörg Leichtfried, Péter Niedermüller, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Din id-Direttiva ma tapplikax għat-titjiriet fi ħdan it-territorju tal-Unjoni jew għall-mezzi tat-trasport ħlief għall-ajruplani.*** |

Or. en

**Emenda 234**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Péter Niedermüller, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Id-dejta tal-PNR li tinġabar skont din id-Direttiva ma tistax tintuża għall-finijiet ta' kontroll tal-fruntieri.*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni,*** l-iskoperta, l-investigazzjoni, |

| | |
|---|---|
| | u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji skont l-Artikolu 4(2)**.** |
| ***(a) Il-prevenzjoni,*** l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)***(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 236**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss għall-iskopijiet li ġejjin***:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss għall-iskopijiet li ġejjin, ***il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti transnazzjonali serji***. |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin***: | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)***. |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva ***dwar titjiriet internazzjonali*** tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2). Id-dejta tal-PNR m'għandhiex tintuża għal skopijiet oħra***. |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-*** | ***imħassar*** |

*Artikolu 4(2)(a) u (d);*

Or. en

**Emenda 239**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Rachida Dati, Nadine Morano, Kinga Gál, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin***: | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2) jew għall-prevenzjoni ta' theddid immedjata u serju għas-sigurtà tal-pubbliku***. |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 240**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-Artikolu 4(2).*** |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Ana Gomes, Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d).*** |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 242**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Hugues Bayet, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-Artikolu 4(2).*** |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 243**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-iskopijiet li ġejjin:*** | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 4(2).*** |
| ***(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); u*** | ***imħassar*** |
| ***(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 244**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dejta tal-PNR miġbura skont dan ir-Regolament dwar titjiriet internazzjonali tista' tiġi pproċessata biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2). Id-dejta tal-PNR m'għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 245**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva m'għandhiex tiġi pproċessata għar-reati minuri li huma punibbli b'sentenza kustodjali jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' inqas minn tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru.*** |

Or. en

**Emenda 246**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva m'għandhiex tiġi pproċessata għar-reati minuri li huma punibbli b'sentenza kustodjali jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' inqas minn tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru.*** |

Or. en

**Emenda 247**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Din id-Direttiva ma tapplikax għat-titjiriet fi ħdan l-Unjoni jew għall-mezzi tat-trasport ħlief għall-ajruplani.*** |

Or. en

**Emenda 248**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ‘trasportatur ***bl-***’ tfisser impriża tat-trasport ***bl-*** b’liċenzja valida jew ekwivalenti li tippermettilha li twettaq ġarr ta' passiġġieri ***bl-***; | a) ‘trasportatur ***bl-ajru jew operatur ekonomiku mhux trasportatur***’ tfisser impriża tat-trasport ***bl-ajru*** b’liċenzja valida jew ekwivalenti li tippermettilha li twettaq ġarr ta' passiġġieri ***bl-ajru***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Cette modification s'applique à l'ensemble du texte législatif à l'examen ; son adoption impose des adaptations techniques dans tout le texte. La mention "tout autre opérateur économique à titre commercial" vise à inclure les dossiers de réservation détenus par certains acteurs économiques tels que les voyagistes ou les tours opérateurs, intervenant dans les processus des vols de type Charter, et qui ne sont pas toujours communiqués aux transporteurs. Cette situation est de nature à constituer une faille importante dans le périmètre de la directive et une inégalité de traitement dans les traitements entre les compagnies aériennes traditionnelles et les Charters.*

**Emenda 249**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) 'operatur kummerċjali ieħor' tfisser impriża, kumpanija jew operatur turistiku li jistgħu joperaw titjiriet charter jew jibbukkjaw għadd ta’seats fuq ajruplan;*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Marju Lauristin, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) 'operatur ta' titjiriet mhux kummerċjali ieħor' tfisser impriża privata li tista' tħaddem ajruplani privati jew titjiriet b'merkanzija privata;*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur ***bl- ppjanat li jinżel*** fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, inklużi ***fiż-żewġ każijiet kull titjira tat-trasferiment jew*** tat-transitu; | (b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur ***bl-ajru jew operatur kummerċjali ieħor jew operatur ta' titjiriet mhux kummerċjali ppjanata li tinżel*** fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, inklużi ***titjiriet charter, ajruplani privati, titjiriet b'merkanzija privata, kif ukoll titjiriet*** tat-transitu; |

Or. en

**Emenda 252**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur bl-ajru ppjanat li tinżel fit-territorju tal-Unjoni Ewropea li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, inkluż fiż-żewġ każijiet kull titjira tat-trasferiment jew tat-transitu;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 253**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) 'titjira intra-UE' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata, li ssir minn trasportatur bl-ajru li toriġina minn Stat Membru tal-Unjoni b'destinazzjoni finali fi Stat Membru ieħor, inkluż kwalunkwe trasferiment ta' titjiriet tat-transitu;*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) 'titjira domestika' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata, li ssir minn trasportatur bl-ajru li toriġina minn Stat Membru tal-Unjoni b'destinazzjoni finali fl-istess Stat Membru;*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ‘Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri*’* jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta’ kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġipprenotat minn jew f’isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) *'*Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri*'* jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta’ kull passiġġier ***miġbura u miżmuma elettronikament minn trasportaturi bl-ajru, aġenti tal-ivvjaġġar, u entitajiet oħra*** li ***jipproċessaw id-dejta tal-PNR fil-kuntest tat-twettiq tal-attivitajiet tan-negozju tagħhom li*** jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f’isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 256**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; ***Id-dejta tal-PNR tikkonsisti fl-oqsma tad-dejta elenkati fl-Anness u ma fihiex dejta sensittiva li tiżvela r-razza, il-kulur, l-oriġini etnika, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, id-diżabbiltà jew l-orjentazzjoni sesswali tal-passiġġieri.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dejta tal-PNR m'għandhiex tinkludi dejta sensittiva li hija lil hinn mill-finijiet tad-Direttiva u li tista' tiżvela wisq informazzjoni personali li tista' tkun il-bażi għal diskriminazzjoni mhux ġustifikata.*

**Emenda 257**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor,**

**Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier ***miġbura u miżmuma elettronikament mit-trasportatur bl-ajru jew operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi fl-attivitajiet normali tiegħu,*** li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; ***Id-dejta dwar il-passiġġieri tinkludi dejta maħluqa minn trasportaturi bl-ajru jew operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem kwlaunkwe passiġġier u li jinsab fis-sistemi ta' prenotazzjoni tat-trasportaturi, id-DCS, jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; Id-dejta tal-PNR tikkonsisti mill-oqsma tad-dejta kif stipulati fl-Anness;*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) **'**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru u operaturi kummerċjali oħra jew operaturi tat-titjiriet mhux kummerċjali*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 259**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; ***Id-dejta tal-PNR tikkonsisti fl-informazzjoni elenkata fl-Anness***; |

Or. it

**Emenda 260**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser is-sistema interna tal-inventajru tat-trasportatur ***bl-***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; | (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser is-sistema interna tal-inventajru tat-trasportatur ***bl-ajru jew tal-operatur ekonomiku mhux trasportatur***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 261**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser ***is-sistema interna*** tal-inventajru ***tat-trasportatur bl-***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; | (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser ***kwalunkwe sistema*** tal-inventajru ***użata mi-trasportatur bl-ajru***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; |

Or. it

**Emenda 262**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril**

**Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Operatur ekonomiku mhux trasportatur tfisser operatur ekonomiku, bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar u bħall-operaturi turistiċi, li jipprovdu servizzi marbuta mal-vjaġġi fosthom il-prenotazzjoni ta' titjiriet li għalihom jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR tal-passiġġieri;*** |

Or. en

**Emenda 263**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu ***d-dejta*** tal-PNR meħtieġa fid-database ***tal-awtorità li tkun qed titlobha***; | (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu ***awtomatikament id-dejta*** tal-PNR meħtieġa fid-database ***tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fit-test oriġinali mhuwiex ċar jekk id-dejta tiġi mibgħuta mit-trasportaturi bl-ajru biss b'talba jew b'mod awtomatiku. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa importanti li jiġi speċifikat li d-dejta tiġi trasferita awtomatikament (jiġifieri t-trasportaturi bl-ajru m'għandhomx għalfejn jirċievu talba minn qabel għad-dejta).*

**Emenda 264**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García**

**Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Arnaud Danjean, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***meħtieġa*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; | (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru ***u l-operatur ekonomiku mhux trasportatur*** jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***eżistenti tagħhom imsemmija fl-Anness għal din id-Direttiva*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; |

Or. en

**Emenda 265**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***meħtieġa*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; | ***f)*** 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***miġbura minnhom li hija mniżżla fl-Anness ta' din id-Direttiva*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; |

Or. fr

**Emenda 266**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) ‘metodu push’ tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***meħtieġa fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha***; | (f) ‘metodu push’ tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***; |

Or. it

**Emenda 267**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(fa) 'l-anonimizzar ta' dejta' tfisser li d-dejta tal-PNR li tista' tippermetti l-identità tal-passiġġieri li trid tiġi traċċata, biex ma tkunx disponibbli għall-utent, mingħajr it-tħassir tagħhom.*** |

Or. it

**Emenda 268**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Barbara Matera, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (g) ‘reati terroristiċi’ tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI; | (g) ‘reati terroristiċi’ tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ***dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu kif emendata bid-Deċiżjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | *Kunsill 2008/919/ĠAI.* |

Or. en

**Emenda 269**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ‘reati terroristiċi’ tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali ***msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas*** tal-Kunsill ***2002/475/ĠAI***; | (g) reati terroristiċi’ tfisser ir-reati ***definiti*** taħt il-liġi nazzjonali***, inkluż l-att tal-ivvjaġġar għall-iskop ta' twettiq ta', ippjanar ta', tħejjija għal, għoti jew riċeviment ta' taħriġ tat-terroriżmu, skont ir-Riżoluzzjoni*** tal-Kunsill ***tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2178(2014) u l-Protokoll Addizzjonali dwar il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu***; |

Or. en

**Emenda 270**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) ‘delitt serju’ tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja*** | ***imħassar*** |

*kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*

Or. en

**Emenda 271**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 272**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta'*** | ***imħassar*** |

***kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;***

Or. en

**Emenda 273**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 275**
**Birgit Sippel, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dejta tal-PNR għandha tiġi pproċessata biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif spjegat f'din id-direttiva.*

**Emenda 276**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***h) ‘delitti transnazzjonali serji’ tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta’ kustodja jew ta’ ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru, jekk. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta’ ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 277**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) ***‘***delitt serju***’*** tfisser ***id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk*** huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru***, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità***; | (h) 'delitt serju' tfisser ***ir-reati li*** huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru***, bħal***: |
| | ***- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** |
| | ***- it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati, kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,*** |
| | ***- sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal, stupru, mutilazzjoni ġenitali femminili*** |
| | ***- traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi***, |
| | ***- frodi serju, frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-UE, il-ħasil tal-flus ġejjin mill-kriminalità, il-ħasil tal-flus u l-iffalsifikar tal-muniti,*** |
| | ***- omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna, ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi, is-serq bl-użu tal-armi,*** |
| | ***- kriminalità serja marbuta mal-informatika u ċ-ċiberkriminalità,*** |
| | ***- reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu,*** |
| | ***- falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom, it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti, il-falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti,*** |
| | ***- ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/ta' bastimenti,*** |
| | ***- spjunaġġ u tradiment,*** |
| | ***- il-kummerċ illeċitu u t-traffikar ta' materjali nukleari jew radjuattivi u l-prekursuri tagħhom u f'dan ir-rigward il-kriminalità marbuta man-nonproliferazzjoni*** |
| | ***- kriminalità li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h – punt i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***i) 'dejta sensittiva' tfisser dejta personali li tiżvela s-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, is-saħħa jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna, kif stabbilit f-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dejta oħra definita mil-liġi domestika bħala li hi sensittiva.*** |

Or. en

**Emenda 279**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) 'Dipersonalizzazzjoni permezz ta' dejta moħbija' tfisser li ċerti elementi ta' tali dejta jsiru inviżibbli għal utent fuq l-interface tal-utent mingħajr ma jitħassru dawn l-elementi ta' dejta.*** |

Or. en

**Emenda 280**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk.*** | ***imħassar*** |
| ***(i) Jitwettqu fi stat wieħed jew aktar;*** | |
| ***(ii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tħejjija, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor.;*** | |
| ***Jitwettqu fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali fi stat ieħor jew aktar; jew*** | |
| ***(iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor.*** | |

Or. en

**Emenda 281**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Kinga Gál, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk.*** | ***imħassar*** |
| ***(i) Jitwettqu fi stat wieħed jew aktar;*** | |
| ***(ii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tħejjija, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor.;*** | |
| ***Jitwettqu fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali fi stat ieħor jew aktar; jew*** | |
| ***(iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor.*** | |

Or. en

**Emenda 282**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija ***fl-*** | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija ***fl-*** |

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI*** jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas ***tliet*** snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk**.** | ***Anness II*** jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas ***erba'*** snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk***:*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk***. | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti li ġejjin taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, ***dment li huma impenjati f'aktar minn stat wieħed, jew li huma impenjati fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tħejjija, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor, jew li huma impenjati fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali f'iktar minn stat wieħed, jew jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor***: |
| | ***- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** |
| | ***- terroriżmu,*** |
| | ***- traffikar tal-bnedmin,*** |
| | ***- traffikar ta' organi u tessuti tal-bniedem,*** |
| | ***- it-traffikar tad-drogi,*** |
| | ***- traffikar ta' armi, munizzjoni u splussivi,*** |
| | ***- traffikar ta' materjali nukleari u radjoattivi,*** |
| | ***- il-ħtif ta' persuni, il-ħtif ta' ostaġġi*** |

***- ħasil tal-flus ta' dħul minn attività kriminali,***

***- korruzzjoni,***

***- kriminalità relatata mal-informatika,***

***- delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali***

***L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk ir-reati minuri li, skont l-ordni legali nazzjonali tagħhom, huma punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu inferjuri għal tliet snin.***

Or. en

**Emenda 284**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija ***fl-Artikolu 2***(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta'*** Stat ***Membru, jekk.*** | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali msemmija ***fl-Artikolu 2***(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI***, dment li huma impenjati f'aktar minn*** stat ***wieħed, jew li huma impenjati fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tħejjija, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor, jew li huma impenjati fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali f'iktar minn stat wieħed, jew jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor:*** |
| | ***- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** |
| | ***- traffikar tal-bnedmin,*** |
| | ***- sfruttament sesswali ta' tfal u*** |

| | |
|---|---|
| | ***pedopornografija,*** |
| | ***- it-traffikar tad-drogi,*** |
| | ***- traffikar ta' armi, munizzjoni u splussivi,*** |
| | ***- kummerċ illeċitu f'organi u tessuti umani,*** |
| | ***- reati ċibernetiċi/konnessi mal-informatika*** |
| | ***- delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali*** |
| | ***l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, skont l-ordni legali nazzjonali tagħhom, huma punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu inferjuri għal tliet snin*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali ***msemmija*** fl-Artikolu 2***(2)*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill ***2002/584/ĠAI*** jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk**.** | (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali***: it-traffikar tal-bnedmin kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi kif definit*** fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill ***2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, u t-traffikar illeċitu tal-armi, munizzjon u splussivi kif definit fl-Artikolu 2b tad- Direttiva tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kunsill2008/51/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi,*** jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk |

Or. en

**Emenda 286**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Péter Niedermüller, Miriam Dalli, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali ***msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena*** ta' ***kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru,*** jekk**.** | (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali***: it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-traffikar illeċitu*** ta' ***drogi narkotiċi, it-traffikar illeċitu fl-armi u t-traffikar illeċitu f'munizzjon u splussivi*** jekk***:*** |

Or. en

**Emenda 287**
**Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali ***msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena*** ta' ***kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta'*** | (i) **'**delitti transnazzjonali serji**'** tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali***: it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-traffikar illeċitu*** ta' ***drogi narkotiċi, it-traffikar illeċitu fl-armi, iċ-ċiberkriminalità u kriminalità oħra relatata mal-informatika, it-traffikar*** |

| | |
|---|---|
| ***Stat Membru,*** jekk. | ***illeċitu f'munizzjon u splussivi*** jekk***:*** |

Or. en

**Emenda 288**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez, Nathalie Griesbeck, Filiz Hyusmenova, Louis Michel, Cecilia Wikström, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali ***msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin*** taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk. | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali***:*** |
| | ***- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** |
| | ***- terroriżmu,*** |
| | ***- traffikar tal-bnedmin,*** |
| | ***- sfruttament sesswali ta' tfal u pedopornografija,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi,*** |
| | ***- korruzzjoni,*** |
| | ***- frodi u evażjoni tat-taxxa,*** |
| | ***- ħasil tal-flus ta' dħul minn attività kriminali,*** |
| | ***- falsifikazzjoni ta' flus, inkluż l-ewro,*** |
| | ***- kriminalità relatata mal-informatika,*** |
| | ***- reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu,*** |

| | |
|---|---|
| | ***- omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna,*** |
| | ***- kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,*** |
| | ***- stupru*** |
| | ***- ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u teħid ta' ostaġġi,*** |
| | ***- ħtif tat-tfal u l-ħtif tat-tfal mill-ġenituri,*** |
| | ***- serq organizzat jew bl-użu ta' armi,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' minerali mhux raffinati,*** |
| | ***- falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir oħra,*** |
| | ***- traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,*** |
| | ***- delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,*** |
| | ***jekk għalihom ikun hemm piena*** taħt il-liġi nazzjonali ***tal-Istat Membru b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, u jekk***; |

Or. en

**Emenda 289**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI***: it-traffikar tal-persuni, it-traffikar illeċitu*** |

| | |
|---|---|
| detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk. | ***ta' drogi narkotiċi u t-traffikar illeċitu tal-armi, munizzjon u splussivi***, jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, ***u*** jekk***:*** |

Or. en

**Amendment 290**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, ***jekk***. | (i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti ***li ġejjin*** taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI: |
| | ***– parteċipazzjoni f' organizzazzjoni kriminali***, |
| | ***– terroriżmu,*** |
| | ***– traffikar tal-bnedmin,*** |
| | ***– sfruttament sesswali ta ' tfal u pedopornografija,*** |
| | ***– traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,*** |
| | ***– traffikar illegali fl-armi, il-munizzjon u l-isplussivi,*** |
| | ***– ħasil ta ' flus ta ' rikavat minn attività kriminali,*** |
| | ***– reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali protetti u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti protetti,*** |
| | ***– qtil, offiża gravi fuq il-persuna,*** |

| | |
|---|---|
| | ***– kummerċ illegali ta' organi u tessuti umani,*** |
| | ***– ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u teħid ta' ostaġġi,*** |
| | ***– falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,*** |
| | ***– traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,*** |
| | ***– delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;*** |
| | ***– ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,*** |
| | ***– sabotaġġ,*** |
| | jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, ***u*** jekk: |

Or. it

**Emenda 291**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) Jitwettqu fi stat wieħed jew aktar;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 292**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tħejjija, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 293**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali fi stat ieħor jew aktar; jew*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 294**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor**.** | (iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor***;*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Barbara Matera, Michał Boni, Frank Engel, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) Moħbija tfisser li ċerti elementi ta' dejta ta' dejta tal-PNR isiru indeċifrabbli għal utent, mingħajr ma jitħassru (eż. permezz tal-applikazzjoni ta' funzjoni kriptografika avvanzata ħafna lill-elementi ta' dejta ta' test ċar li jagħmlu lill-passiġġier identifikabbli); elementi li għandhom isiru indeċifrabbli jeħtieġ jinkludu l-elementi kollha li jagħmlu l-passiġġier identifikabbli. Dejta ta' test ċar identika tista' tirriżulta f'dejta moħbija identika biex ikun possibbli li d-dejta titqabbel mingħajr ma jiġu identifikati l-persuni li huma s-suġġetti ta' dik id-dejta.*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Sophia in 't Veld, Filiz Hyusmenova, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Cecilia**

**Wikström, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-lista ta' delitti transnazzjonali serji tal-Artikolu 2(1) subparagrafu i għandha tiġi riveduta u aġġustata kif mistħoqq bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 298**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom ***għandhom ikunu persuni ta' integrità u kompetenza ppruvata u*** jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. ***Uffiċjal indipendenti għall-protezzjoni tad-dejta għandu jinħatar minn fost il-persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mogħti r-responsabbiltà biex jissorvelja l-ħidma tal-unità u b'mod*** |

***partikolari biex jivverifika li trasferimenti ta' dejta lill-awtoritajiet kompetenti jitwettqu b'konformità sħiħa mal-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva u fid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI u għar-rappurtar ta' kwalunkwe ksur lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza.***

Or. it

**Emenda 299**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. ***L-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri hija wkoll responsabbli għall-iskambju tad-dejta tal-PNR jew tar-riżultat tal-ipproċessar tagħha ma' Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 7, u għat-trasferiment ta' dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tagħha lill-Europol f'konformità mal-Artikolu 7a.*** Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 300**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-ajru ***u operaturi kummerċjali oħra jew operaturi ta' titjiriet mhux kummerċjali***, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 301**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l- | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu. ***Il-PIU għandha tkun l-awtorità unika*** responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR |

analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. ***Il-PIUs għandhom ikunu responsabbli wkoll mill-iskambju tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tagħha bejn l-Istati Membri u l-Europol f'konformità mal-Artikolu*** *7*. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' protezzjoni u sigurtà tad-dejta, huwa importanti li jiġi speċifikat li l-PIU nazzjonali hija l-unika awtorità responsabbli għall-ġbir, il-ħżin, l-analiżi tad-dejta tal-PNR u biex tibgħat ir-riżultati tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 u lill-Europol; fi kliem ieħor, l-ebda awtorità oħra għandu jkollha l-istess funzjonijiet. Huwa importanti wkoll li jiġu ċċarati l-funzjonijiet kollha ta' PIU f'artikolu wieħed, inkluż il-funzjoni ta' skambju ta' dejta tal-PNR.*

**Emenda 302**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ***jew jinnomina*** awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji ***jew fergħa ta' din l-awtorità*** biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli ***mill-ġbir*** tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli ***mir-riċeviment*** tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 303**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Frank Engel, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-***, il-ħażna tagħhom, ***l-analiżi*** tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat ***tal-analiżi*** lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji ***u l-prevenzjoni ta' theddid immedjat u serju għas-sigurtà pubblika*** jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi mhux trasportaturi***, il-ħażna tagħhom, ***l-ipproċessar*** tagħhom u t-trasmissjoni ***tad-dejta tal-PNR jew*** tar-riżultat ***tal-ipproċessar tagħha*** lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. ***L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri hija wkoll responsabbli mill-iskambju tad-dejta tal-PNR jew tar-riżultat tal-ipproċessar tagħha mal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħrajn skont l-Artikolu 7.*** Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. ***Din għandha tkun ipprovduta b'riżorsi adegwati sabiex twettaq il-kompiti tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 304**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli ***mit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskji skont l-Artikolu 4 kif ukoll*** mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 305**
**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 306**
**Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Ana Gomes, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli ***mit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju skont l-Artikolu 4 kif ukoll*** mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. |

Or. en

**Emenda 307**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***1a. Il-membri kollha tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li għandhom aċċess għad-dejta tal-PNR għandhom jirċievu taħriġ iddedikat dwar l-ipproċessar ta' din id-dejta f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.***

Or. en

**Emenda 308**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***1 a. Id-dejta tal-PNR anonimizzata trasferita mit-trasportaturi bl-ajru skont l-Artikolu 6(1)(a), għandha tasal għand l-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, skont l-Artikolu 9.***

Or. en

**Emenda 309**
**Birgit Sippel, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Ana Gomes, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***1a. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri hija responsabbli mill-iskambju tad-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar ta' tali dejta ma' Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra f'konformità mal-***

*Artikolu 7, kif ukoll l-inklużjoni tat-twissijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'konformità mal-Artikolu 7(1).*

Or. en

**Emenda 310**
**Emilian Pavel, Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha timplimenta miżuri teknići u organizzattivi xierqa biex jipproteġu d-dejta personali kontra żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari meta l-ipproċessar jinvolvi t-trasmissjoni ta' dejta fuq netwerk, u kontra kull forma oħra illegali ta' pproċessar.*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez, Filiz Hyusmenova, Nathalie Griesbeck, Cecilia Wikström, Louis Michel, Petr Ježek**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf 'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħha*** |

| | |
|---|---|
| | ***jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 312**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Minħabba n-natura sensittiva tal-ipproċessar li għandu jitwettaq mill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, kull Stat Membru għandu jiżgura li għandu r-riżorsi meħtieġa, inkluż numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti, biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva. Il-persunal kollu tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li għandu aċċess għad-dejta tal-PNR għandu jirċievi taħriġ iddedikat dwar kif tiġi pproċessata tali dejta f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.*** |

Or. fr

**Emenda 313**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-attivitajiet previsti fl-Artikolu 4(2)(c)*** |

| | |
|---|---|
| | ***jistgħu jitwettqu biss minn persunal magħżul b'mod speċifiku.*** |

Or. en

**Emenda 314**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Id-database li tiġbor id-dejta dwar il-PNR mingħand it-trasportaturi bl-ajru għandha tkun ospitata mill-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 315**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Ana Gomes, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-membri kollha tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li għandhom aċċess għad-dejta tal-PNR għandhom ikunu ngħataw taħriġ iddedikat dwar l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet fundamentali.*** |

Or. en

**Emenda 316**
**Sophia in 't Veld, Gérard Deprez**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-passiġġieri għandha taħtar uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza, issekondat minn deputat uffiċjal, responsabbli għall-monitoraġġ tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR u l-implimentazzjoni tas-salvagwardji relatati. L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza għandu b'mod partikolari jirrevedi fuq bażi regolari r-regoli ta' pproċessar awtomatizzat mitluba mill-awtoritajiet kompetenti u jifformula rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet u s-salvagwardji stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 317**
**Birgit Sippel, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Ana Gomes, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. L-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 9a (ġdid)(4) għandhom jitwettqu biss minn persunal magħżul b'mod speċifiku tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.*** |

Or. en

**Emenda 318**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu jew jinnominaw awtorità waħda biex isservi bħala l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom. Tali Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tiġi stabbilità f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti u għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' tali Stati Membri kollha parteċipanti. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jaqblu fuq ir-regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti pprezentati f'din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir biss meta l-għażla tar-Regolament b'sistema ċentralizzata hija adottata.*

**Emenda 319**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu jew ***jinnominaw awtorità waħda*** biex ***isservi*** bħala l-Unità tal- | 2. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu ***korp wieħed*** jew ***jaħtru korp, pereżempju fl-Europol,*** biex ***iservi*** bħala l- |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tagħhom***. Tali Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tiġi ***stabbilità*** f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti u għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' tali Stati Membri kollha parteċipanti. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jaqblu fuq ir-regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ppreżentati f'din id-Direttiva. | Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tiġi ***stabbilita*** f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti ***jew fis-sede tal-korp ta' livell ogħla, pereżempju l-Europol,*** u għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' tali Stati Membri kollha parteċipanti. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jaqblu fuq ir-regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ppreżentati f'din id-Direttiva. |

Or. de

**Emenda 320**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Kull Stat Membru għandu javża lill-Kummissjoni b'dan fi żmien xahar mill-istabbiliment tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u jistgħu jaġġornaw din id-dikjarazzjoni f'kull ħin. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni, kif ukoll kull aġġornament, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir biss meta l-għażla tar-Regolament b'sistema ċentralizzata hija adottata.*

**Emenda 321**
**Emilian Pavel, Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tinnotifika l-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni msemmija fl-Artikolu 12, qabel ma twettaq l-operazzjoni parzjali jew sħiħa tal-ipproċessar.*** |

Or. en

**Emenda 322**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Kull waħda mill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għall-monitoraġġ tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR u l-implimentazzjoni ta' salvagwardji.*** |

Or. en

**Emenda 323**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li pieni dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi sanzjonijiet kriminali, jiġu pprovduti kontra persuni li qed jaħdmu fl-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Passiġġieri fil-każ ta' użu ħażin jew l-abbuż ta' dejta tal-PNR jew ksur ieħor tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 324**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Jeroen Lenaers, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Emil Radev, Frank Engel, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Kull Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha taħtar Uffiċjal indipendenti għall-Protezzjoni tad-Dejta li jiżgura s-superviżjoni interna tal-attivitajiet tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u jissorvelja b'mod komplut it-trasferiment ta' dejta tal-PNR lil awtoritajiet kompetenti oħrajn, lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jirrapporta twettiq ħażin tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta stipulati f'din id-Direttiva*** |

Or. en

**Emenda 325**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li pieni dissważivi, effettivi u proporzjonati huma imposti fuq il-membri tal-persunal ta' Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*** |

Or. fr

**Emenda 326**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Marielle de Sarnez, Sophia in 't Veld, Frédérique Ries, Charles Goerens**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Ladarba l-one-stop shop previst fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva huwa operattiv, dawk l-Istati Membri li jixtiequ, jistgħu jiddeċiedu li d-dejta tal-PNR li t-trasportaturi bl-ajru għandhom jibagħtu lill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tintbagħat direttament lill-one-stop shop, li għandu jiġbor u jżomm id-dejta skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. L-analiżi ta' din id-data u t-trażmissjoni tar-riżultati lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru kkonċernat.*** |

Or. fr

**Emenda 327**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-awtorità pubblika li hija responsabbli għall-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta fl-unità. Huwa għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-kwalitajiet personali u professjonali tiegħu u, b'mod partikolari, il-familjarità fil-fond tiegħu ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta.*** |
| | ***2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza interna tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. B'mod partikolari, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jwettaq kontrolli fuq il-post dwar l-ipproċessar tad-dejta f'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri bil-ħsieb li jiggarantixxi l-konformità mar-regoli rilevanti u l-proċeduri, inklużi s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-dejta.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jkun ikkonsultat sew fi żmien xieraq dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni ta' dejta personali fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jkollu r-riżorsi għandu bżonn biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv u indipendenti.*** |
| | ***5. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jservi ta' persuna ta' kuntatt rigward il-kwistjonijiet kollha relatati*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR għal passiġġieri li d-dejta tagħhom qed tiġi pproċessata.*** |

Or. fr

**Emenda 328**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kap tal-awtorità pubblika responsabbli għat-tmexxija tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandu jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Huwa għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-kwalitajiet personali u professjonali tiegħu u, b'mod partikolari, l-għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-dejta.*** |
| | ***2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza interna tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. B'mod partikolari, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jwettaq teħid ta' kampjuni każwali ta' pproċessar tad-dejta fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jkun involut sew u fil-ħin fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-dejta personali fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.*** |

| | |
|---|---|
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jiġi pprovdut bil-mezzi biex iwettaq id-dmirijiet u l-kompiti tiegħu b'mod effettiv u indipendenti, u ma jirċievi l-ebda struzzjonijiet rigward l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.*** |
| | ***5. Huwa għandu jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-passiġġieri li d-dejta tagħhom ġiet ipproċessata dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-attivitajiet tal-ipproċessar.*** |

Or. en

**Emenda 329**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Josef Weidenholzer, Marju Lauristin, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Hugues Bayet, Ana Gomes, Tanja Fajon, Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kap tal-awtorità pubblika responsabbli għas-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u għall-kontribuzzjoni għall-applikazzjoni konsistenti tagħha madwar l-Unjoni, jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta għandu jinħatar fuq il-bażi tal-kwalitajiet professjonali u, b'mod partikolari, l-għarfien espert tal-liġi u tal-prattiki dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-ħila li jwettaq il-kompiti msemmija f'din id-Direttiva.*** |

***3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun responsabbli minn dan li ġej:***

***(a) jissensibilizza, jinfurma u jagħti pariri lill-membri tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-obbligi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri u l-proċeduri tekniċi u organizzattivi;***

***(b) jissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-politiki fir-rigward tal-protezzjoni ta' dejta personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, it-taħriġ tal-persunal involut fl-operazzjonijiet ta' pproċessar u l-verifiki relatati;***

***(c) jissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari rigward ir-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-dejta bid-disinn, il-protezzjoni tad-dejta b'mod awtomatiku u s-sigurtà tad-dejta u dwar l-informazzjoni tas-suġġetti tad-dejta u t-talbiet tagħhom fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva;***

***(d) jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari, permezz ta' teħid ta' kampjuni każwali ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta;***

***(e) jiżgura li d-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikoli 11(f)(ġdid) u 11(g)(ġdid) tinżamm aġġornata;***

***(f) jissorvelja d-dokumentazzjoni, in-notifika u l-komunikazzjoni ta' ksur ta' dejta personali skont l-Artikoli 11(l)(ġdid) u 11(m)(ġdid);***

***(g) jissorvelja t-tweġibiet għat-talbiet mill-awtorità ta' superviżjoni, u jikkoopera***

***mal-awtorità ta' superviżjoni fuq talba ta' din tal-aħħar jew fuq inizjattiva tiegħu stess, speċjalment dwar kwistjonijiet relatati ma' trasferimenti ta' dejta lejn Stati Membri oħra jew lejn pajjiżi terzi;***

***(h) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awtorità ta' superviżjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar ta' dejta tal-PNR u jikkonsulta mal-awtorità ta' superviżjoni, jekk ikun xieraq, fuq inizjattiva tiegħu stess.***

***4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jkun involut sew u fil-ħin fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-dejta personali fi ħdan l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.***

***5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jiġi pprovdut bil-mezzi biex iwettaq id-dmirijiet u l-kompiti tiegħu msemmija f'dan l-Artikolu b'mod effettiv u indipendenti, u ma jirċievi l-ebda struzzjonijiet rigward l-eżerċizzju tal-funzjoni.***

***6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li kwalunkwe dmir professjonali ieħor tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jkun kompatibbli mal-kompiti u d-dmirijiet ta' dik il-persuna bħala uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta u ma jirriżultax f'kunflitt ta' interessi.***

***7. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lis-suġġett tad-dejta bid-dritt li jikkuntattja lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta, bħala punt ta' kuntatt uniku, dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-dejta PNR tiegħu.***

***8. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta huma kkomunikati lill-awtorità ta' superviżjoni u lill-pubbliku.***

Or. en